MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2010

Numru 971/2009

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

vs

Roger Muscat

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta' karta ta' identità numru 369365M, akkuzat talli:

1. fil-21 ta' Marzu 2009 fil-hanut bl-isem 'Classic DVDs' sitwat Triq Misrah il-Barrieri Santa Venera, ffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li kien fihom indikazzjoni li setghet tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew

biegh tali merkanzija, jew xjentement qeghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema mxebbhin b’qerq u cioè numru ta’ DVDs, CDs u loghob tal-X Box, ai termini ta’ l-artikolu 298(1) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess data, lok u cirkostanzi bi qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew b’mod iehor irripproduca jew irkupra, jew biegh, qassam jew b’mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha, ai termini ta’ l-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jinstema’ sommarjament, mhux oppost;

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni hu baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi skond il-Kap 9 huma dawk ta’ qerq fil-kummerc u l-industrija bi ksur tal-Artikolu 298(1)(a), 298(1)(c) u 298(1)(f) u l-ksur ta’ drittijiet ta’ l-awtur kontra l-Artikolu 298B.
L-akkuzat f’din l-ewwel udjenza ammetta l-akkuzi fuq liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;
In vista ta’ din l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-akkuzat tiddikjarah hati tal-akkuzi kontrih dedotti. Rat l-Artikoli tal-ligi fuq citati flimkien mal-Artikolu 17(b) tal-Kap

9. Tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien tlett snin mill-lum oltre li tikkundannah multa ta' €700.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------